**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 95 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Charles Farrugia**

Illum, 11 ta' Mejju, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Charles Farrugia ta' 40 sena iben Lawrence u Mary Grace nee' Sciberras, imwieled l-Pieta fit-3 ta' Lulju 1978, residenti gewwa l-fond numru 1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun u detentur tal-karta ta' l-identita 321378 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fis-26 ta' Jannar, 2019 ghall-habta tas-sebgha nieqes ghaxra ta' filghaxija (18:50hrs) gewwa l-istabbiliment Miracle Foods, Triq il-Labour, Zejtun;

1. Ikkommetta serq, liema serq jammonta ghall-madwar 80 Euro ghad-dannu ta' Miracle Foods Limited u/jew Christopher Darmanin u/jew persuni ohra

U akkuzat ukoll talli fl-1 ta' Frar 2019 ghall-habta tal-hamsa neqes kwart ta' wara nofsinhar (16:45hrs) gewwa l-istabbiliment Miracle Foods, Triq il-Labour Zejtun;

2. Bil-hsieb li jikkommetti r-reat ta' serq semplici wera dan il-hsieb b' atti esterni u li ta bidu ghar-reat liema reat ma giex ikkunsmat minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

U akkuzat ukoll talli fis-27 ta' Frar, 2019 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu (03:00hrs) gewwa z-Zejtun:

3. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni ABP 287 tal-ghamla Renault Megane minghajr ma kienet kkopera b' polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju ghall-terzi u dan bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-Kap 104;

4. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura minghajr mal-licenzja "circulation license" kienet mahruga minghajr awtorita kompetenti jew mgedda ghas-sena kurrenti u dan bi ksur tar-regolament 3 tal-Ligi Sussisdjajra 368.02;

U akkuzat ukoll talli fix-xahar ta' Jannar 2019 u Frar 2019:

5. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b' digriet datat 13 t' April 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jibqa' gewwa l-fond fejn jirrisjedi bejn il-hdax ta' billejl u s-sebgha ta' filghodu (23:00 – 07:00hrs) u cioe' l-fond nru 1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun;

6. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b' digriet datat 20 ta' Jannar, 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Anthony Vella LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jibqa' gewwa l-fond fejn jirrisjedi bejn it-tmienja ta' filghaxija u tmienja ta' l-ghada filghodu (20:00 – 08:00hrs) u cioe' l-fond nru 1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun;

7. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b' digriet datat 10 ta' Jannar, 2019 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jibqa' gewwa l-fond fejn jirrisjedi bejn l-ghaxra ta' filghaxija u sebgha ta' filghodu (22:00 – 07:00hrs) u cioe' l-fond nru 1, Triq Xandru Farrugia, Zejtun;

8. U aktar talli nhar il-11 ta' Marzu, 2019 ghall-habta ta' 16:30hrs f' vettura tal-ghamla Mitsubishi bin-numru DAU 909 fi Zejtun nstabu ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu peress li gie kkundannat f' Malta ghal serq;

9. U aktar talli nhar il-11 ta' Marzu 2019 u fil-jiem ta' qabel fi Zejtun u/jew fil-Gzejjer Maltin nstabu hwejjeg li naqsu lil Janica Schembri miz-Zabbar u ma gharraftx bih lil Pulizija Ezekuttiva fi zmien tliet ijiem.

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka '*contrario imperio*' d-digrieti tal-helsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imsemmi Charles Farrugia, kif ukoll tordna t-tliet somom ta' hamest elef Ewro (€5000) bhala garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba titratta ma' Charles Farrugia bhala persuna recidiv ai termini tal-Art 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Gunju, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 41 (1) (a), 284, 285 u 289 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 3 (1), 3 (1A), 3 (2) (a) u 3 (2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3 tar-Regolamenti Dwar Ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar Ta' Vetturi Bil-Mutur LS368.02 l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2),tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu tnax (12)-il xahar prigunerija u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux

hati tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tad-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appellanti Charles Farrugia minnu pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent mhux hati tal- hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tad-disa' (9) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkonferma ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-esponent hati tat-tielet (3), tar-raba'(4) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, thassar u tirrevoka l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u/jew, f'kaz li ma tilqax l-aggravji dwar il-mertu, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-Ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragonevalment tasal ghas-sejbien ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni u dan stante illi min imkien ma tirrizulta il-prova skond kif rikjesta fil-kamp penali li s-serqa, fl-ewwel lok, saret fil-jum u l-hin indikat, u fit-tieni lok, lanqas ma jirrizulta sal-grad tal-konvinciment morali, li tali serqa giet ezegwita sat-tmiem taghha.

   Illi dan qieghed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

   a) Rigward id-data u l-hin, l-unika xhud huwa Christopher Darmanin (Fol 14/15), fejn dan ix-xhud sempliciment esebixxa filmat li allegatament jikkoncerna incident li qed jigi rekordjat fil-jum tas-26 ta' Jannar 2019, ghall-habta tas- sebgha neqsin ghaxra ta filghaxija (18:50pm).

      Illi jinghad pero, li min imkien ma jirrizulta min eleva dak il-filmat, kif gie elevat u meta gie elevat. Nafu biss, li gie dan Darmanin u waddab f'hogor il-Qorti CD. In oltre, mill-atti lanqas ma tezisti l-prova mill- liema apparat

ittiehed dan il-footage u lanqas ma hemm prova dwar jekk d-data u l-hin li jirregistra dan l-apparat, jikkorispondu mad-data u l-hin meta jkun qiegħed jigbed dana il-filmat.

Illi bid-dovut rispett, din is-suppost prova hija totalment karenti mir-regoli bazici u tant salutarji fil-kamp penali tal-kontinwita tal-evidenza.

b) Illi bid-dovut rispett, nieqsa ukoll il-prova ta x'inhu dan il-pakkett. Daqs tant iehor hija nieqsa il-prova, ta' xix hallas jew ta xix ma hallasx dakinhar li l-esponent kien fil-Miracle Foods. L-imputat seta' f'mument minnhom, iddecieda li jqiegħed il-pakkett lura f'wahda mill-ixkafef tal-istess stabiliment. Illi bid-dovut rispett l-Ewwel Qorti abbazi tar-rizultanzi processwali f' da nil-kaz, qatt ma setghet tasal sal-grad tal-konvinciment morali kif rikjest ghal htija fl-ewwel imputazzjoni.

c) Illi bid-dovut rispett, abbazi ta dawn ir-rizultanzi, l-Ewwel Qorti ukoll qatt ma setghet tasal sal-grad tal-konvinciment morali kif rikjest ghal htija tat-tieni imputazzjoni. Fuq din it-tieni imputazzjoni, il-prova tad-data u l-hin hija nieqsa ukoll. Ix-xhud Clayton Vella (Fol 16) ma jaghti l-ebda indikazzjoni, hlief li jaghmel referenza ghall-fatt li dan gara fil-bidu ta' Frar. Hawn ukoll ipprezenta ritratt li jinsab a folio 15A. L-istess ragunament li tressaq il-quddiem fl-ewwel aggravju rigwardanti d-data u l-hin u r-regola ta 'chain of evidence', japplika *mutatis mutandis* a fini ta' dan l-aggravju.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, ghall-ewwel zewg aggravji, il-piena fic-cirkustanzi kienet eccessiva, anke fid-dawl ta'dawk l-izviluppi recenti f'hajjet l-esponent.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-eduta tad-29 ta' April 2023

**Ikkunsidrat,**

Illi dan hu appell fejn l-appellant qed jitlob li jkun hemm konferma rigward dawk l-akkzui fejn ma instabx hati u konsegwentement gie liberat minnhom u appuntu l-akkuzi hamsa (5), sitta (6), sebgha (7) u disgha (9), konferma dwar dawk l-akkuzi fejn instab hati taghhom u cioe' dwar it-tielet (3), ir-raba (4) u it-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu talab sabiex din il-Qorti tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn instab hati ta' l-ewwel u tat-tieni akkuza dedotti kontra tieghu. Illi dawn iz-zewg akkuzi jittrattaw mal-akkuza ta' serq u l-ohra fuq attentat ta serq. L-ewwel wahda ta' serq ta' madwar tmenin (80) euro ghad-dannu ta' Miracle Foods Limited u/jew Christopher Darmanin u/jew persuni ohra u dan nhar is-26 ta' Jannar, 2019, ghall-habta tas-sebgha neqsin ghaxar minurti (18.50) gewwa Triq il-Labour, Zejtun. Fit-tieni lok fuq attentat ta' serq semplici li allegatament sehh nhar l-1 ta' Frar, 2019, fejn l-appellant kien allegatament wera dan il-hsieb b'atti esterni u li ta bidu ghar-reat liema reat ma giex konsmat minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra taghmel referenza biss ghax-xhieda li huma relatati ma dawn iz-zewg akkuzi.

**Christopher Darmanin** xehed nhar il-21 ta' Marzu, 2019, u kkonferma li jahdem fil-hanut Miracle Foods bhala supervisor gewwa Triq Lejber, Zejtun. Qal li kellu filmat li juri persuna tieghu affarijiet u kkonferma li fil-fatt kien l-appellant odjern. Dan il-filmat gie markat bhala dok CD1**.**

**Clayton Vella** xehed nhar il-21 ta' Marzu, 2019, u qal li huwa impjegat mal-hanut Miracle Food, fi Triq Lejber, Zejtun. Dan stqarr li ra lis-sur Farrugia jisraq il-laham mill-hanut u jikkonferma li is-Sur Farrugia huwa l-appellant odjern. Mistoqsi meta sehh dan l-incident jghid li ma jafx u li kien nesa l-gurnata. Qal li jista' jkun kien fix-xahar ta' Frar. Muri r-ritratt esebit fl-atti bhala dok CV1 jghid li dak huwa il-persuna tieghu jitkellem mal-appellant u jghidlu sabiex jew ihallas il-laham li kellu jew ihalliha hemm.

Il-Qorti rat ir-ritratt inserit fl-atti a fol. 19 mmarkat bhala dok CV1 u fuqu jidher l-akkuzat u fil-parti ta' fuq tar-ritratt hemm id-data tal-1 ta' Frar, 2019.

**Spettur Mario Xiberras** xehed nhar l-4 t' April, 2019 u kkonferma illi nhar it-8 ta' Marzu, 2019, ghall-habta tas-1.15pm Christopher Darmanin, supervisor gewwa l-istabiliment Miracle Foods fi Triq Lejber, Zejtun ghamel rapport gewwa l-ghassa taz-Zejtun rigward xi serq li kien qed isir mill-hanut. Huwa irraporta li kien hemm xi tlett okkazjonijiet fejn il-persuna li gharafha fl-awla bhala l-appellant kien ha xi prodotti mill-hanut li jiswew bejn €80 u €240. Huwa ra ic-CCTV camera u irrizultalu li fis-26 ta' Jannar, 2019, fis-6.45 p.m l-appellant deher jiehu xi pakkett tal-laham, deher jahbih taht il-gakketta hamra. Hallas mar fejn il-counter hallas ghall prodott iehor u baqa' hiereg. Rigward l-attentat ta' serq tal-1 ta Frar, 2019, ghall-habta ta' 16.45 p.m l-appellant jidher li f'idu ix-xellugija kellu pakkett u gie jidher mis-CCTV jpoggih taht gakketta ta' kulur sewdieni.

Spjega li fl-1 ta' Frar, 2019, kien hemm il-cashier Clayton Vella fejn dan induna li l-appellant kien ha xi affarijiet kien kellmu u l-appellant jidher imur lura jpoggih f'postu. Jghid li huwa ha l-istatement tal-akkuzat. Jikkonferma li kienu tawh id-drittijiet tieghu izda kien iffirma id-dikjarazzjoni tar-rifjut. Jispjega li f'din l-istqarrija kien gharaf li darba minnhom kien waqfu il-cashier meta kien ha pakkett laham ghaliex kien induna u qalilhom li kien mar ipoggi il-laham f'postu. Huwa pprezenta DVD tal-interogazzjoni li gie mmarkat bhala dok MS12.

**Spettur Roderick Attard** xehed nhar it-3 t' Ottubru, 2019, u dan ikkonferma li nhar it-8 ta' Marzu, 2019, Clayton Darmanin fil-kapacita tieghu bhala Manager tal Istabiliment Miracles li jinsab sitwat gewwa Triq il-Lejber, Zejtun sahaq li ghandu *recording* li jidher fih persuna ta' sess maskili li jidher qed jisraq xi affarijiet. Dan il-filmat gie mghoddi lili fejn hu minn naha tieghu imbaghad ghaddih lill-Ispettur Mario Xiberras sabiex ikomplu bl-indagini taghhom fejn irrizulta li mix-xebh ta' din il-persuna kien evidenti li kien certu Charles Farrugia, In segwitu kien kellmu l-Ispettur Mario Xiberras fejn kienu hargu mandat t' arrest. Huwa gharaf lill-appellanti bhala l-istess Charles Farrugia. Jghid li waqt search li ghamlu fil-karozza tieghu kienu sabu wkoll xi affarijiet li kienu sinonimi ma serq bhala tnalja. Hadu statment tal-appellant wara li tawh id-drittijeit tieghu u f'din l-istqarrija jiftakar lill-appellant jghid li hu ma kellux mustacci waqt li dak fil-filmat kellu l-mustacci. Pero' huma elevaw xi hwejjeg

minghand l-appellant kienu simili bhal dawk imlibbsa mill-persuna li deher jisraq fil-filmat.

Jirrizulta li l-filmat li gie esebit minn Spettur Mario Xiberras jirrizulta li verament l-appellant jidher fis-*supermarket* pero' fl-atti ma hemm prova ta' min ha dan il-filmat u ghal liema granet jirreferu dan il-filmat. Illi ma hiex kwistjoni li giet imqajma biss quddiem din il-Qorti izda minn qari tat-trattazzjoni esebita fl-atti jirrizulta li dan l-aggravju l-appellant tramite l-avukat tieghu kien gja tqajjem.

**Ikkunsidrat**

Jinghad dwar l-ewwel akkuza l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati taghha u dan ghaliex ma jirrizultax li hemm il-jum u l-hin indikat fil-komparixxi kif rikjest mfil-kamp penali. Jghid ukoll li ma jirrizultax li is-serqa giet esegwita sat-tmiem taghha.

Illi dawn huma proceduri kriminali u ghalhekk kif tajjeb stqarr l-appellant huwa l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn min kull dubbju dettat mir-raguni li ir-reati kif akkuzat bihom l-appellant sehhew u dan in ommagg mal-princcipju li *qui accusat probat.*

Meta l-partijiet fi proceduri penali, jagħżlu li jressqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule,* ċioe jridu jressqu l-ahjar prova li tkun tista' tiġi prezentata fil-kaz konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, gie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-*

*persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[1]

Ghaldaqstant, il-prosekuzzjoni ma tistax tonqos milli taghmel ezercizzju li tassigura illi tressaq il-provi kollha li hi jkollha tal-kaz u li bl-istess ezercizzju allura li tressaq l-ahjar prova ghal kaz.

Dwar dan l-argument kienet ikkumentat il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eucharist Baldacchino et** deciza 12 ta' Novembru tas-sena 2003 fejn intqal:-

> *"Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni stqarret li l-imputati odjerni ma dehrux fih pero xorta l-obbligu tal-Prosekuzzjoni hu li tressaq kull prova favur u kontra l-akkuzat, kif provdut flartikolu 356 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. (sottolinear tal-Qorti)"*

[1] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

L-istess sentenza imbghad ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il**-Pulizija vs Victor Sammut** deciza 24 ta' Lulju tas-sena 2000 fejn eleborat dwar l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tressaq "*il-provi kollha li tkun gabret fuq reat.*" Skond is-sub artikolu 1 tal-artikolu 356 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-kliem 'kull informazzjoni ohra li jista jkollha dwar r-reat. Fis-sub artikolu 2 tal-istess artikolu l-obbligu tal-Pulizija Ezekuttiva li johrog mill-artikolu 365(1) tal-Kap 9 hu li jharrek ix-xhieda sew ghall-akkuza kif wkoll ghal imputat, biex jidhru quddiem il-Qorti tal-Magistrati necessarjament jimplika jew li hemm proceduri gudizzjarji quddiem dik il-Qorti jew li jkunu ser jinbdew dawk il-proceduri. F'tali sitwazzjoni il-Pulizija Ezekuttiva hi obbligata li tharrek dawk ix-xhieda li tkun taf bihom u li jistghu jaghmlu prova favur l-imputat, kif wkoll li tharrek kull persuna ohra li tigi talvolta indikata mill-imputat bhala xhud in difesa.

L-istess argument gie kkonfermat f'sentenza aktar ricenti deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Settembru tas-sena 2018 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Maxine Rose Zammit** fejn qalghet hekk:

> *"Therefore, the appellant is correct when in his appeal he states that the prosecution has to prove its case in the best way and is bound to bring forward all evidence against and in favour."*

Fil-kaz odjern qed nitkellmu dwar tahrik ta' persuni illi setghu kienu t' interess qawwi ghall-proceduri u cioe' sabiex l-ewwel u t-tieni akkuza jigu pruvati bl-ahjar mod u minghajr dubbju dettat mir-raguni. F'dan il-kaz id-difiza ma resqet l-ebda xhud ssbiex tipprova fatt izda strahet biss fuq ix-xhieda imresqa mill-prosekuzzjoni u ghalhekk il-livell ta' prova li kellu jkun hemm f'din il-kawza huwa dak sal-livell lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Ir-relevanza ta' din is-sottomissjoni hija spjegata ahjar fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Borg** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-10 ta' Novembru, tas-sena 2014 fejn jinghad is-segwenti:-

*"Illi fid-dawl tas-suespost u cioe' x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

Illi l-Liġi tafda l-ezerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Magistrati tkun fl-ahjar qaghda tqis il-provi kollha ghax, normalment, tkun ghexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - haġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li taghmel. U ghalhekk huwa ghaqli li l-Liġi thalli principalment dan l-ezercizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda f'idejn il-Qorti tal-Magistrati; liema ezerċizzju huwa importanti hafna u li din il-Qorti ttih il-piz li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u lahaq. Cioe nonnostante din il-Qorti li hija wahda ta' revizjoni trid tara jekk id-diskrezzjoni li uzat l-Ewwel Qorti kienitx wahda koretta fis-sens li tista tistrieh fuqha ghas-sejba ta' htija f'dan il-kaz u hu ghalhekk li din il-Qorti dehrilha li kellha taghmel referenza ghax-xhieda li xehdu fir-rigward ta' l-ewwel zewg akkuzi.

Fir-rigward ta' l-ewwel akkuza u cioe li l-appellant ikkommetta serq ghall-madwar 80 euro ghad-dannu ta' Miracle Foods l-prosekuzzjoni ressqet lil Christopher Darmanin jixhed. Pero' meta xehed jghid li kellu filmat ta' persuna jiehu l-affarijiet. Mistoqsi min hi din il-persuna jghid li hi l-imputat illum appellant. Illi fl-ebda mument ma gie mistoqsi meta sehhet is-serqa jew fi x'hin. Fl-ebda hin ma jorbot il-filmat ma l-akkuzat odjerna. Huwa minnu li l-filmat ghandu id-data fuq fil-parti ta' fuq fejn hemm indikat iz-zmien is-26 ta' Jannar, 2019. Pero' fl-ebda hin ma x-xhud jghid li dak il-filmat juri s-serqa li giet kommessa dakinhar tas-26 ta' Jannar, 2019. Ma hawn l-ebda prova li l-CCTV camera kienet qed tirregistra fil-jum tal-akkadut. Kull ma jidher fil-filmat hu l-akkuzat jippassigja fil-hanut u f'hin patikolari kif muri il-video clip numru 5 ipoggi xi pakkett fil-gakketta. Hadd ma telgha biex jghid f' hiex kien jikkonsisti l-pakkett u

x'inhu l-valur tieghu. Il-Prosekuzzjoni naqset ukoll milli staqsiet lix-xhud min kien ha il-filmati esebiti fl-atti u min kien effettivament ghamel id-*down load* sabiex ikollha l-ahjar prova fuq tali prova dokumentarja. M'huwiex id-dover ta' din il-Qorti li tipprova timla l-vojt tal-prosekuzzjoni izda d-dover taghha huwa li taghmel gustizzja billi tifli l-provi u tara jekk l-prosekuzzjoni irnexxlhiex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fir-rigward ta' din l-akkuza l-prosekuzzjoni esebiet ic-CD a fol 15 pero ma resqet lil hadd biex jikkonferma li dan gie mehud jew *down loaded* minnu u lanqas persuna biex tikkonferma li kienet hi li harget l-*istills* li allegatament ittiehdu minnha u esebiti fl-atti. Tali nuqqas huwa wiehed serju u jirrifletti fuq in-nuqqas ta' serjeta tal-investigazzjoni u prosekuzzjoni tal-pulizija. Bizzejjed jinghad li meta x-xhud principali xehed nhar il-21 ta' Marzu, 2019, ix xhieda tieghu hija inqas minn pagna, b'sebgha domandi biss.

Ir-ritratti esebiti mill-prosekuzzjoni a fol 108 u 109 juru persuna fil-hanut libsa flok ahmar minn wara waqt li r-ritratt ta' Charles Farrugia kif mehud mill-facebook page tieghu ukoll jindikah libes flok ahmar pero din il-Qorti ma hiex f'posizzjoni li tikkonferma li hu l-istess flok. Il-Qorti tinnota bi dispjacir kbir id-domandi f'dan ir-rigward lill-appellant waqt li kien qed jigi interrogat ma sarux bil-ghan li jorbtuh mar-reat indipendentement mir-ritratti esebiti.

Fir-rigward tat-tieni akkuza fejn l-appellant kien instab hati ta' attentat ta' serq minn gol-hanut Miracle Foods fi Triq Lejber, Zejtun nhar l-1 ta' Frar, 2019. Jinghad ukoll f'dan ir-rigward li l-prosekuzzjoni ressqet lil Clayton Vella jixhed u dan qal li ra lill-appellant jittanta jisraq il-laham minn gol hanut. Mistoqsi meta kien dan jghid li ma jiftakarx ghalkemm ftakar li kien fil-bidu tax-xahar ta' Frar. Jghid li kien ra lill-appellant bil-laham fil-gakketta hu kien qallu sabiex jew ihallas ghall-laham jew li jpogggiha f'postha. Hawnhekk jinghad li l-appellant pogga il-laham f'postu. rega ix-xhud ghamel referenza ghall-filmat fil-forma ta' CD u gharaf il-persuna tieghu fuq dan il-filmat mmarkat bhala dok CV1 pero ma jghidx meta effettivament kien sehh l-akkadut. Dan ukoll hu nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni li naqas li jipprova min kien gibed il-filmat li esebixxa Clayton Vella fl-atti. Naqset ukoll milli tistaqsi lix-xhud principali taghha fi x' hin sehh l-incident u sabiex jikkonferma l-filmat li huwa l-istess filmat li jirreferi ghal dak in-nhar li xehed dwaru. Hawnhekk ukoll il-prosekuzzjoni

naqset li tressaq prova tal-allegat serq sabiex tipprova in-natura tal-prodott u l-valur tieghu. Fil-filmati l-appellant jidher imiss hafna prodotti u f'xi okkazzjoni jidher ipoggi pakkett fil-gakketta pero minn imkien ma jirrizulta li hareg b'dan l-oggett u lanqas ma jirrizulta x'kien gie mehud u l-prezz tieghu.

Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni kellha provi dwar l-ewwel u t-tieni akkuza pero l-manjiera kif esebiet u pprezentat tali provi ma jilhqux il-livell ta' prova li hija mistennija fi proceduri kriminali u ghalhekk tali prova kif murija fic-CD qed tigi skartata.

Ai fini ta' piena naturalment la din il-Qorti ma hiex qed issibu hati tal-ewwel u tat-tieni akkuza kuntrarjament ghas-sejba ta' htija mill-Ewwel Qorti irid ikun hemm temperament fil-piena. Din il-Qorti pero tat l-opportunita lill-appellant sabiex jindirizza l-problema tieghu ta' tehid ta' droga tant li anke kienet ikkonvertiet ruhha f' Qorti tad-Droga, pero' rat li l-appellant ma gharafx jisfrutta l-opportunita moghtija lilu tant li nhar l-4 ta' Jannar, 2023, l-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Pesuni li nqabdu bid-droga kienu baghtu nota lil din il-Qorti (fol. 264) fejn infurmawha li nono stante li l-appellant inghata opportunita sabiex isegwi care plan dan baqa' ma pprogressax il' quddiem tant li rega' spicca arrestat. Il-Bord anke ssugerixxa li setgha juza s-servizzi li hemm fil-habs ghall-gid tieghu u ghalhekk temm jghid il-Bord li kellu jaghlaq il-kaz tieghu minghajr success.

In vista ta' tali taghrif din il-Qorti m' hiex propensa li tbiddel is-sentenza ta' prigunerija moghtija mill-Ewwel Qorti ghalkemm sejra tnaqqas il-perijodu ta' prigunerija stante li mhux qed issibu hati tal-ewwel zewg akkuzi

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tikkonferma l-ewwel sentenza moghtija nhar it-12 ta' Gunju, 2020, billi qed tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant m' instabx hati tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-sebgha (7) u tad-disgha akkuza fejn kien gie liberat, qieghda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn instab hati tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tat-tmien (8) imputazzjoni u qieghda tirrevokaha fejn sabitu hati ta' l-ewwel (1) u

tat-tieni (2) akkuza billi mhux qed issibu hati taghhom u konsegwentement qed tilliberah minnnhom.

Din il-Qorti qieghda ukoll ghalhekk timmodifika il-piena moghtija ghas-sejbien ta' htija tat-tielet (3), tar-raba'(4) u tad-disa' (9) akkuza u minflok li tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' tnax-il xahar qieghda tirriduci dan il-perijodu ghal dak ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva pero' qieghda tikkonferma l-iskwalifika moghtija lilu sabiex izomm il-licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien tnax-il xahar mill-illum minn nofs il-lejl.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**